# TLIET PUBBLIKAZZJONIJIET

Fil-jiem li ġejjin se jkollna tliet pubblikazzjonijiet importanti li għandhom ikunu ta' interess u anke ta' għajnuna għall-parruċċani kollha.

**IL-KALENDARJU:** din is-sena l-kalendarju se jkun mogħni b'ritratti high resolution ta' xogħlijiet fil-knisja. Il-pittura li ntagħżlet hija minn dik ta' Lazzru Pisani. Ir-ritratti ttieħdu minn Martin Attard. L-arti grafika hija ta' Maria Camilleri u Daniel Meilak kiteb artiklu interessanti biex jgħinna nifhmu l-pittura li ntagħżlet għal kull xahar. Il-kalendarju se jitqassam mid-distributuri ħabrieka tagħna. Xħin tirċievu l-kalendarju nitolbukom tagħtu offerta għall-ispejjeż.

**IL-*LUMINARIA***: Bħalma tafu ilna ftit mhux ħażin ma nqassmu l-Luminaria. Minħabba l-pandemija li għaddejjin minnha kellna nnaqqsu l-ħarġiet. Issa wasal iż-żmien biex nagħtukom ħarġa oħra tal-Luminaria li se jkollha iktar paġni mis-soltu. Din għandha tkun f'idejkom fil-bidu ta' Diċembru.

***MA' ALLA FIL-ĠNIEN***: Dan huwa t-titlu ta' ktejjeb li qed iħejju ż-żgħażagħ taċ-Ċentru flimkien ma' Maria Camilleri. Il-ktejjeb fih ħsibijiet miktubin minni li nispera li jgħinu lill-qarrejja tagħna. Min irid jixtri dal-ktejjeb mimli grafika full colour jista' jordna kopja miċ-Ċentru stess jew mill-Uffiċċju Parrokkjali. Il-qligħ mill-ktejjeb se jmur għaċ-Ċentru. Il-prezz tal-ktejjeb nagħtuhulkom fil-ħarġa li ġejja tal-bullettin.

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRAJN

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza quddiesa għall-benefatturi u membri mejtin tal-għaqda, nhar il-Ħamis li ġej, 19 ta' Novembru fil-kappella ta' Kenuna fis-7.00pm. Kulħadd mistieden.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 18 ta' Novembru. Din ser tinżamm fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur u tkun fis-6.00pm. Ser titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef. Kulħadd huwa mistieden.

**MUŻAJĊI ĠODDA:** Maria Portelli ħadmet możajċi ġodda li twaħħlu fid-daħla għaċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina. B'kollox hemm 10 mużajċi li lkoll huma mnebbħin mill-arti sagra li nsibu fil-katakombi ta' Ruma. Fil-25 ta' Novembru se ssir tifsira tal-mużajċi wara l-quddiesa tal-4.00pm fiċ-ċimiterju u mbagħad inberkuhom.

**KIF TISTGĦU TGĦINU LILL-KNISJA:** minn issa sat-23 ta' Diċembru se jkollkom l-opportunità li tiktbu f'lotterija biex ngħinu l-parroċċa. Hemm żewġ rigali x'jintrebħu: salib tad-deheb u inċiżjoni li turi lil San Pietru u San Pawl kif jidhru fit-titular. Tistgħu takkwistaw biljett mingħand Maria Attard jew mill-Uffiċċju Parrokkjali. B'din l-għajnuna tagħkom inżommu l-ħajja tal-Knisja għaddejja, minkejja l-problemi li ġabet il-pandemija. Biljett wieħed jiswa €2.

**SENA ĊENTINARJA - 6:**
Hija prattika li f'Novembru l-Leġjun ta' Marija fid-dinja kollha jagħmel għadd kbir ta' quddies għall-membri attivi u awżiljarji mejtin. Dan barra dak li jsir minn kull praesidium meta xi membru jgħaddi minn din il-ħajja għall-mistrieħ ta' dejjem.

## KRISTU SULTAN

Nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru taħbat is-solennità ta' Kristu Sultan, il-festa li biha nagħlqu l-aħħar Ħadd taċ-ċiklu liturġiku tal-Knisja. Il-Ħadd ta' wara mbagħad, jiġifieri fid-29 ta' Novembru, nibdew l-ewwel Ħadd tal-Avvent. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti fi Kristu Sultan mhux se jinġabru folol ta' nies bħas-soltu imma se jkun hemm talb u messaġġ mill-Isqof Anton Teuma mxandrin fuq Xejk TV fl-4.00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am